# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 4 ta' Diċembru 2015**

**Kawża Nru: 5**

**Ċitazzjoni Nru: 188/05 JA**

**A B mart C D B f'isimha proprju u bħala kuratriċi *ad litem* ta' binhom minuri E B.**

**-vs-**

**C D B**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors ippreżentat fis-16 ta' Marzu 2015 li permezz tiegħu l-konvenut talab li din il-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet skond l-Artikolu 55 (1) *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

Rat ir-risposta tal-attrici ppreżentata fil-11 ta' Mejju 2015 li permezz tagħha opponiet għal din it-talba;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq din it-talba;

Rat l-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili;

Ikkunsidrat;

Illi din hija sentenza fuq talba magħmula mill-konvenut biex b'effett immedjat tiġi terminata l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet, u dan pendenti l-kawża ta' separazzjoni bejn l-istess partijiet.

Illi din it-talba hija regolata mill-artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili illi jgħid hekk:

*"**55.** (1) Il-Qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-sub-artikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-Qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva."*

Illi kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **"Daniela Mizzi vs Peter Mizzi"** (deċiża fit-28 ta' Marzu 2014):

*"9. In tema legali jingħad li l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bażata t-talba attrici, jagħti fakoltá lil parti jew ożra li 'f'kull żmien' matul is-smigħ tal-kawża ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li tkun teżisti bejn il-konjuġi.*

*10. Imbagħad fis-sub-inċiż 4 l-istess artikolu jgħid illi:*

*"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."*

11. *Minn dan jirriżulta li t-talba għall-waqfien m'għandhiex tingħata jekk parti tkun ser issofri 'preġudizzju mhux proporzjonat'. Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwiżit jirrisjedi fuq min qed jallegah skond il-prinċipju 'incumbit ei qui dicit non ei negat".*

Illi dan l-insenjament ġie kkonfermat fis-sentenza tal-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Lowell vs Lowell"** (deċiża fit-30 ta' Ottubru 2015). F'dik il-kawża l-attriċi lmentat li kellha diffikoltá biex tagħlaq il-provi għaliex kien diffiċli għaliha li tistabbilixxi l-assi ta' żewġha; il-kawża kienet ilha għaddejja tliet snin.

Illi f'din il-kawża, l-attriċi ilha kważi **għaxar snin** biex tagħlaq il-provi tagħha u *nonostante* dak kontenut fir-risposta tagħha għar-rikors fejn intalab dan il-provvediment il-Qorti tħoss li għandu raġun il-konvenut li f'dan l-istadju jagħmel din it-talba għaliex ma hux raġonevoli li l-attriċi ddum daqstant żmien biex tagħlaq il-provi tagħha.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors tal-konvenut preżentat fis-16 ta' Marzu 2015 u b'effett immedjat tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti skond l-artikolu 55 tal-Kap. 16 fuq imsemmi.**

**L-ispejjeż ta' din is-sentenza jkunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**